MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 394/2007

**CSMR Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited**

**vs**

**Dr. Henri Mizzi li b`digriet tat-12 ta` Marzu, 2007 gie nominat kuratur biex jirraprezenta lil Damkjaer International Limited u Robert Damkjaer Limited, kumpanniji ta` nazzjonalita` daniza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-intimat nomine ai termini tal-Art. 836 u 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat l-art. 836 u 838A tal-Kpa. 12.

Ikkunsidrat illi hawnhekk, il-Qorti qeghda taghmel l-ezami taghha fl-ambitu ta` mandat ta` inibizzjoni u ghalhekk trid tara biss jekk id-drittijiet vantati jezistux *“prima facie”*.

Is-socjetajiet rikorrenti talbu u ottjenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni a bazi ta` zewg ftehim ta` agenzija.

L-ewwel ftehim huwa wiehed ta` agenzija bejn is-socjetajiet lokali u dawk Danizi. Dan il-ftehim huwa wiehed verbali.

Bhal kull ftehim iehor ta` din ix-xorta cioe` ftehim ta` distribuzzjoni esklussiva, dan il-ftehim hu bazat fuq element esenzjali ta` fiducja. Konsegwentement, huwa arrangament li jista` jigi xjolt la darba ma tibqax tezisti dik il-fiducja hekk necessarja. Xjoljiment ta` dan il-ftehim jista` jgib mieghu konsegwenzi ghal minn ma jibqax jonorah, u dan skond il-principju generali u stabbiliti tal-ligijiet taghna. Kif gie spjegat mir-rikorrenti odjerni socjetajiet Danizi fir-rikors taghhom, jekk wiehed imur oltre minn dan ir-ragunament il-konsegwenti fuq l-attivita` kummercjali jistghu jkunu problematici u dan peress illi l-fiducja ma tista` qatt tigi sfurzata.

It-tienti ftehim ta` agenzija sar bejn iz-zewg socjetajiet lokali. Kif jidher mid-dokument tal-ftehim innifsu dan kien limitat ghal xi prodotti partikolari manifatturati Malta mill-kumpanija joint venture, u, kif intqal, kien sar bejn iz-zewg socjetajiet lokali. Is-socjetajiet esteri ma kienux parti f`dan il-ftehim.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssibha difficli tifher kif, a bazi tieghu, is-socjetajiet lokali qed jippretendu li jillimitaw id-drittijiet ta` l-istess socjetajiet esteri li jidhlu f`xi ftehim iehor ghad-distribuzzjoni ta` prodotti ohra taghhom.

Il-Qorti tifhem li, ekonomikament l-agir tas-socjetajiet esteri jista` jkollu effett ta` natura ekonomika fuq l-attivita` tal-joint venture li kien gie mahluq. Dan il-fatt pero` ma jistax jintuza biex jillimita b`xi mod il-liberta` tas-socjetajiet esteri.

F`dawn ic-cirkostanzi il-Qorti hi tal-fehma li d-drittijiet li jvantaw is-socjetajiet CSMR Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited ma gewx *prima facie* pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka fl-intier tieghu il-mandat ta` inibizzjoni nru 253/07 fl-ismijiet fuq premessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------